MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 33

18 ta' Jannar 2010

Minuti tas-Seduta Nru. 33 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 18 ta' Jannar 2010.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsillier C. Bartolo talab sabiex il-minuti tas-seduta preċedenti jiġu emendati kif jidher hawn taħt:

Minuta 8.3. (Ref: K/6/2/Vol V)(K/6/10/Vol III)

*"8.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll illi fis-17 ta' Diċembru 2009 saret laqgħa bejn il-Kunsillier J. Azzopardi, flimkien mas-Segretarju C. Debono, u żewġ rappreżentanti ta' Green Dot Malta Ltd – Daniel Tabone u Carine Mutch - fejn ġie spjegat li kemm-il darba jiġi ffirmat ftehim magħhom, dan ikun jipprovdi għal:".*

Minuta 14.2. (A/5/5/Vol IV)

| | |
|---|---|
| ***Ġunju*** | • *Jum l-Ambjent*<br>• *Quddiesa Ċimiterju fl-okkażjoni ta' Jum il-Missier*<br>• *Mellieħa Gardens By Night* |
| ***Lulju*** | • *Avventura Sajf 2010*<br>• *Sea Side Slam*<br>• *Sportivi Melleħin tas-Sena*<br>• *Mellieħa Gardens By Night*<br>• *Fuljett Mill-Qiegħa + Tfal.*<br>• *Mellieħa Motor Sports Festival* |

Minuta 13.3. (M/6/Vol V) – Tiżdied minuta 13.3.

*"13.3. Il-Kunsillier E. Bartolo għarraf li d-ditta Azzopardi Fisheries Ltd offrew li jipprovdu l-loġistika biex jinġarru l-ħaddiema u l-materjal ħalli jsir ir-restawr tal-kappella fuq il-Gżira ta' San Pawl. Il-Kunsillier J. Buttigieg ġie nkarigat sabiex jikkuntattja lill-Perit Norbert Gatt mit-Taqsima tar-Restawr fi ħdan id-Diviżjoni tax-Xogħlijiet sabiex isir magħruf dwar jekk tistax tingħata għajnuna għal dan il-għan mill-istess taqsima.".*

1.2. Il-minuti tas-seduta Nru. 32 li saret fit-28 ta' Diċembru 2009 ġew approvati u ffirmati bl-emendi mressqa.

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Estensjoni tal-bini tal-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill (K/1/2/Vol IV)

2.1.2. Saret referenza għall-minuta 15.2. tas-seduta preċedenti. Is-Sindku qal li huwa tkellem mal-*Contracts Manager* dwar dan is-suġġett li min-naħa tiegħu kkonferma li bejn l-uffiċċju eżistenti u l-bini li kien iservi l-Mellieħa Sports Club hemm diżlivell ta' filata waħda. Is-Sur R. Cutajar għarraf ukoll li huwa ndiga dwar il-proċedura li trid tiġi segwita, fid-dawl tal-fatt li l-Kunsill huwa kostrett li jixtri fond partikulari biex ikabbar l-uffiċċju eżistenti. Jidher ukoll li ma jkunx jeħtieġ sejħa għall-offerti f'każ simili, kemm-il darba jinkiseb il-permess mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Ġie kkonfermat ukoll mal-Mellieħa Sports Club, li l-binja hija għall-bejgħ.

2.1.3. Il-Viċi Sindku E. Bartolo tenna l-opinjoni espressa minnu fis-seduta preċedenti, illi l-*Contracts Manager* għandu jagħmel rapport dwar l-akkwist tal-fond imsemmi *vis-à-vis* l-alternattiva l-oħra li tinvolvi l-bini ta' sular ieħor fuq l-uffiċċju eżistenti u l-kiri jew xiri ta' garaxx.

2.1.4. Il-Kunsill qabel mal-proposta fil-minuta 2.1.3.

### 2.2.1. Milied Mellieħi 2009 (A/5/3/6/Vol II)

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.6.1. tas-seduta preċedenti u qal li saret *post mortem* dwar l-attivita` msemmija li pparteċipaw fiha l-għaqdiet kollha nvoluti. Is-Sur R. Cutajar qal li l-minuti u r-rendikont finanzjarju tagħha ser jiġi ppreżentat lill-Kunsill fis-seduta li jmiss.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.3.1. Żjara mill-Patrijarka tal-Knisja Ortodossa Sirjana (M/6/Vol V)

2.3.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg rrefera għall-minuta 13.3. tas-seduta preċedenti u għarraf li huwa tkellem mal-Perit Norbert Gatt mit-Taqsima tar-Restawr, fi ħdan id-Dipartiment tax-Xogħlijiet, dwar ir-restawr tal-kappella li hemm fuq il-Gżejjer ta' San Pawl. Il-Perit Gatt qal li t-taqsima tiegħu lesta tagħti l-pariri u tagħmel is-superviżjoni meħtieġa fuq ix-xogħol mingħajr ħlas, sakemm il-Kunsill jagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-materjal u jipprovdi l-loġistika.

2.3.3. Is-Sindku qal li minbarra l-Gżejjer ta' San Pawl, il-Patrijarka ser iżur ukoll is-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa. Konferma dwar din iż-żjara għad trid tingħata.

2.3.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- Skeda ta' Pagamenti – 24/12/09 – 12/01/10
- *Purchase Request Form* – 18/01/10
- Skeda ta' korrispondenza li waslet
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet
- Estimi Finanzjarji 2010

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. *Pedestrian crossing* fi Triq Qasam Barrani (T/3/2/Vol X)

4.1.2. Saret referenza għal ittra datata 3 ta' Jannar 2010, mibgħuta mis-Sinjura Agnes Galea, fejn talbet li ssir *pedestrian crossing* fi Triq Qasam Barrani għall-benefiċċju tar-residenti fid-dar tal-anzjani. Dan minħabba li t-traffiku qed javviċina din iż-żona b'veloċita` qawwija.

4.1.3. Is-Segretarju għarraf lill-Kunsill li diġa twaħħlu tabelli fi Triq Qasam Barrani u Triq il-Wied li jwissu lis-sewwieqa bil-preżenza ta' persuni anzjani fl-inħawi.

4.1.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li *zebra crossing* fil-post indikat joħloq nuqqas ta' sigurta' għal min ikun qed jaqsam, peress li s-sewwieqa li jkunu nieżlin fi Triq Qasam Barrani ma jarawħx.

### 4.2.1. Skema dwar Proġetti ta' Enerġija Alternattiva (F/1/7/Vol II)

4.2.2. Saret referenza għal Memo 10/2010 datat 8 ta' Jannar 2010, mibgħut mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn ingħad li reġgħet ġiet imnedija din l-iskema u din id-darba l-Gvern alloka €300,000, fejn kull applikant li jkollu proposta tiegħu li tiġi aċċettata jista' jibbenefika sa' massimu ta' €10,000.

4.2.3. Il-Kunsilli Lokali ġew mistiedna jibgħatu ittra sal-aħħar ta' Jannar 2010 fejn jindikaw xi proġetti jixtiequ jwettqu f'dan is-sens. Fl-istess ittra għandha tingħata spjegazzjoni qasira tal-proġett flimkien ma' stima tal-ispejjeż involuti.

4.2.4. Il-Kunsill iddeċieda li għandha ssir talba ħalli tiġi installata sistema ta' pannelli fotovoltaiċi fi Ġnien Dun Anton Debono, sabiex jitnaqqas il-konsum ta' l-elettriku f'dan il-post li jinkludi fih l-proġett ta' afforestazzjoni f'Tal-Ibraġ.

### 2.3.5. Skema għat-Tħawwil ta' Siġar (A/3/Vol III)

4.3.2. Inqara Memo 12/2010, datat 12 ta' Jannar 2010, mibgħut mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Fl-istess memo tħabbar illi tnediet skema li permezz tagħhna ser tingħata għajnuna lill-Kunsilli Lokali biex jitħawwlu total ta' 4,000 siġra, fil-lokalitajiet kollha. Il-Kunslli Lokali interessati li jibbenefikaw ser jingħataw numru ta' siġar. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li kemm-il darba l-Kunsill jixtieq japplika, għandu jibgħat **ittra flimkien ma' *site plan* waħda jew iżjed** fejn hu maħsub li jitħawlu s-siġar. Il-Kunsill intalab jispeċifika kemm għandu bżonn siġar; ispeċi preferuti; u pjanta li turi fejn ser jitħawwlu, flimkien ma' dettalji tal-proprjetarju.

4.3.2. Il-Kunsill iddeċieda li t-talba għandha ssir fuq l-ammont u speċi ta' siġar meħtieġa fil-Park tal-Familja f'Tal-Ibraġ.

### 4.4.1. *Pre-call* għall-Proġetti b'aktar minn €2 miljun fil-Qalba tal-Lokalitajiet (P/10/6)(P/4/20/Vol III)

4.4.2. Saret referenza għal Memo 11/2010 datat 11 ta' Jannar 2010, fejn tħabbar li l-Planning and Priorities Co-ordination Division (PPCD) ħarġet *pre-announcement* ta' €2 miljun biex il-Kunsilli Lokali jwettqu proġetti li permezz tagħhom itejbu l-prodott lokali li jistgħu joffru, filwaqt li jippromwovu aħjar l-awtentiċita` tal-assi li huma għandhom fil-qalba tal-lokalita`. Dan bil-għan li jiġi stabbilit kif tista' ssir koperazzjoni bejn l-istess Ministeru u l-Kunsill fl-implimentazzjoni ta' dan il-proġett. Ġie spjegat li l-objettiv ewlieni ta' din is-sejħa huwa li l-Kunsilli Lokali joħolqu spazji u jgħinu biex ikun hemm għarfien aħjar tal-identita`u l-karetteristiċi tal-lokalita`. Il-fond huwa ntiż biex itejjeb l-ambjent fiżiku, billi jiġu pprovduti pjazez u spazji pubbliċi ta' livell għoli fiċ-ċentri tal-lokalitajiet. Dawn għandhom iservu:

- bħala attrazzjoni għan-nies tal-lokal u għat-turisti;
- bħala spazji fejn jiltaqgħu n-nies;
- joffru disinn skond il-karattru tradizzjonali tal-lokalità;
- itejbu dawn il-pjazez jew spazji pubbliċi;
- jipprovdu opportunità għall-komunità biex tippromwovi l-karatteristiċi awtentiċi tal-irħula tagħna;
- iżidu mal-attrazzjonijiet turistiċi li diġà jeżistu fil-lokalitajiet rispettivi;
- ikunu mezz kif juri l-ħajja tal-komunità u l-karatteristiċi arkitettoniċi u fiżiċi tal-istess lokalità;
- post fejn ikun hemm interazzjoni bejn in-nies lokali u t-turisti li jżuruna;
- post fejn jistgħu jesebixxu l-artisti; u
- igħinu *SME's* biex itejbu n-negozju tagħhom u biex oħrajn jitħajjru jiftħu n-negozju lokali tagħhom f'dawn il-postijiet bl-iskop li jiġu offruti prodotti tipiċi.

4.4.3. Ġie spjegat li dan il-pre-avviż inħareġ bil-għan li l-Kunsilli Lokali jkunu jistgħu jibdew jippreparaw, peress li meta tinħareġ is-sejħa, din tkun miftuħa għal sitt ġimgħat, filwaqt mistennija tinħareġ kmieni fi Frar 2010. Is-sejħa hija miftuħa biss għal żoni turistiċi.

4.4.4. Is-Sur R. Cutajar ippropona li l-applikazzjoni għandha ssir sabiex isir it-tisbiħ ta' Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawl II. Dwar l-istess proġett huwa wkoll kellu kuntatti mal-Perit Carlo Schembri li dan ġie riferut lill-Kunsill mill-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu.

4.4.5. Il-Kunsillier J. Buttigieg tenna li il-Misraħ jingħata dehra aħjar kemm-il darba jitneħħa t-*Tourist Information Office*, għar-raġuni li ma jaqbilx ma' l-ambjent tal-madwar. Huwa qal ukoll li jeħtieġ jinbidlu l-aperturi tal-aluminju u jsiru oħra tal-injam.

4.4.6. Is-Sindku għarraf li huwa diġa kellu laqgħa mad-ditta ta' E-Cubed Consultancy li lesti jħejju s-sottomissjonijiet meħtieġa għal din l-applikazzjoni, kif wkoll għal applikazzjonijiet simili bħalma hija dik marbuta ma' l-Iskema ta' Finanzjament għal Lokalitajiet Sostenibbli, li tħabbret permezz ta' Memo 18/2010 u tagħlaq fil-15 ta' Marzu 2010. Is-Sur R. Cutajar qal ukoll li l-imsemmija ditta lesta toffru s-servizzi tagħhom minn Jannar sa Ġunju 2010 għal €1,140.

4.4.7. Il-Kunsill approva din in-nefqa, kif ukoll li jsiru l-applikazzjonijiet ghall-proġett indikat.

### 4.5.1. PA 1494/07 – Bdil ta' kjosk fl-Għadira (P/5/8/G)

4.5.2. Saret referenza għal applikazzjoni li saret minn Antonia Abela sabiex tibdel il-Framon Kiosk li jinsab fuq ir-ramla tal-Għadira minn struttura temporanja għal waħda permanenti.

4.5.3. Il-Kunsill qabel li għandha titressaq oġġezzjoni għal din it-talba bil-għan li ma jiżdiedux strutturi permanenti għal skopijiet kummerċjali fuq ix-xtut. Kien hemm qbil ukoll li m'għandux ikun hemm aktar strutturi li oriġinarjament kienu ngħataw permess ta' encroachment bħala strutturi temporanja.

### 4.6.1. Laqgħa ġenerali għar-residenti tal-Manikata (M/1)

4.6.2. Inqrat stedina mibgħuta mis-Sur Peter Seychell lir-residenti kollha tal-Manikata sabiex issir laqgħa ġenerali għar-residenti fit-28 ta' Jannar 2010 fil-5.00pm. Is-Sindku qal li huwa ġie mistieden sabiex ikun fost il-kelliema bil-għan li tingħata spjegazzjoni tal-pjan ta' ħidma tal-Kunsill għaż-żona tal-Manikata għas-snin 2010 – 2011. Il-laqgħa hija ntiża sabiex jitwaqqaf kumitat tar-residenti.

4.6.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li minn dejjem kienet il-prassi, li hekk kif kienet tgħaddi l-elezzjoni lokali, il-Kunsill il-ġdid kien jieħu l-inizjattiva biex jinħatar sotto-kumitat minn fost ir-residenti tal-Manikata.

4.6.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.7.1. Ħannieqa Kotba Melleħin (P/3/5)

4.7.2. Saret referenza għal ittra datata 1 ta' Jannar 2010, mibgħuta mis-Sur Paul P. Borg, fejn għarraf li huwa qed jikteb ktieb li jittratta l-karetteristiċi Melleħin bl-isem "*Quest for identity – The Mellieħa Experience*". Is-Sur Borg ippropona li dan jiġi ppubblikat taħt l-iskema mnedija mill-istess Kunsill – Ħannieqa Kotba Melleħin. Din il-proposta tinvolvi l-istampar ta' 3,000 kopja bi spiża ta' madwar €3,000. Il-Kunsill jintalab jikkontribwixxu €1,000 minnhom għal din l-inizjattiva, filwaqt li l-awtur qed jitlob li jingħata 30 ktieb mingħajr ħlas u jżomm il-*copyright*. Il-Kunsill ma jkunx marbut ma' ebda ħlas ieħor bħalma huma *royalties* b'forma ta' perċentwali f'każ li l-bejgħ jaqbeż it-3,000 kopja. Meta dawn jispiċċaw, jew jgħaddu 10 snin, isir ftehim mill-ġdid.

4.7.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-proposta tas-Sur Borg hija waħda interessanti u għalhekk għandhom jitkomplew il-kuntatti miegħu sabiex jiġu stabbiliti d-dettalji tal-ftehim, kif ukoll l-ispejjeż preċiżi involuti.

### 4.8.1. Laqgħa bejn Birdlife Malta u l-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti Melleħin (A/4/5/Vol II)(K/3)

4.8.2. Inqarat ittra datata 15 ta' Jannar 2010, mibgħuta mill-Birdlife Malta fejn il-Kunsill intalab sabiex jintervjeni sabiex issir laqgħa bejn l-istess Birdlife Malta u l-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti tal-Mellieħa.

4.8.3. Il-Kunsill qabel li dan it-tip ta' djalogu għandu jiġi nkoraġġit u għalhekk għandu jsir dak kollu possibbli biex jirnexxi.

### 4.9.1. Wirja tal-Mejda tal-Appostli (S/6/Vol II)(T/4/3/Vol II)

4.9.2. Is-Sindku rrefera għall-tliet ittri datata 15 ta' Jannar 2010, mibgħuta mill-Grupp Organizzattiv Mejda tal-Appostli Mellieħa fejn talbu lis-Sindku jagħmel messaġġ fuq il-fuljett li ser joħroġ il-grupp. Talbu wkoll li jingħataw permess biex iwaħħlu tmien kartelluni (4 piedi b'4 piedi) f'postijiet differenti biex tingħata pubbliċita` lill-wirja li ser tittellgħa bejn it-23 u t-3 ta' April 2010. Appellaw ukoll sabiex il-Kunsill jissieħeb fl-organizzazzjoni ta' din il-wirja.

4.9.3. Il-Kunsill qabel li m'għandhomx jingħataw permess sabiex jitwaħħlu ebda kartelluni, iżda għandha tingħata għajnuna biex isir użu mill-*bill board* li hemm fit-telgħa ta' Selmun, kif ukoll isir reklam fuq l-intranet tal-Gvern u fuq is-sit elettroniku tal-Kunsill.

### 4.10.1. Infurzar tal-*bye-laws* dwar tisjir fil-beraħ u l-ikkampjar (B/5/Vol II)

4.10.2. Inqara e-mail datat 18 ta' Jannar 2010, mis-Sur Alfred Bezzina – Direttur Ġenerali – tat-Taqsima Proprjeta` tal-Gvern fejn ikkonferma ftehim li ntlaħaq bejnu u s-Sindku R. Cutajar li t-Taqsima tiegħu ser tipproċessa talbiet għal *barbecues*, ikkampjar u attivitajiet oħra fil-Mellieħa, kemm-il darba jkun hemm il-permess tal-Kunsill Lokali. Min-naħa l-oħra, il-Kunsill jaċċetta li l-Gwardjani Lokali u l-Pulizija, jiċċekkjaw ukoll li jkun hemm il-permess tad-Dipartiment tal-Artijiet.

4.10.3. Il-Kunsill innota dan l-iżvilupp.

### 4.11.1. Tagħlim tal-bizzilla mill-Kunsill (E/3/1/6/Vol II)

4.11.2. Saret referenza għal ittra datata 17 ta' Jannar 2010, mibgħuta minn studenti u l-għalliema tagħhom li kienu jattendu kors fit-tagħlim tal-bizzilla organizzat mill-Art Club 2000. Minħabba diffikultajiet li nqalgħu mad-direzzjoni tal-Club, l-istess persuni stqarrew illi għandhom l-intenzjoni li jiffurmaw għaqda u appellaw sabiex il-Kunsill jipprovdilhom post fejn jiltaqgħu bil-għan li jkunu jistgħu jkomplu l-kors tagħhom.

4.11.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li m'għandux jinvolvi ruħu f'din il-kwistjoni, u m'hemm xejn x'iżomm lill-persuni li ffirmaw l-petizzjoni li jiffurmaw għaqda ndipendenti, kif sar fil-passat.

### 4.12.1. Konferenza dwar t-tagħlim tal-Ingliż (K/12)

4.12.2. Is-Sindku rrefera għall-ittra datata 16 ta' Jannar 2010, mibgħuta minn Tips Global Ltd li kkonfermaw illi bejn is-16 u d-19 ta' Mejju 2010 ser issir konferenza għal mitejn u ħamsin aġent mid-dinja kollha. Il-Kunsill ġie mistieden jospita din il-konferenza fil-Mellieħa. L-għan tal-konferenza huwa li jiżdiedu l-istudenti, filwaqt li l-kumpanija msemmija tippromwovi l-operat tagħha fil-Mellieħa fis-swieq internazzjonali tal-edukazzjoni.

4.12.3. Is-Sur R. Cutajar qal li Tips Global Ltd ser jiftħu skola għat-tagħlim tal-Ingliż fil-Mellieħa. Huwa għarraf ukoll li s-Segretarjat Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u l-Informazzjoni, flimkien mal-Ministeru tal-Finanzji u l-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu lesti jappoġġjaw l-organizzazzjoni ta' din il-konferenza permezz ta' skema li l-Gvern għandu fis-seħħ. Is-Sindku qal li normalment il-ħlasijiet tal-vjaġġi jitħallsu mill-parteċipanti, filwaqt li l-organizzaturi jipprovdu l-akkomodazzjoni.

4.12.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 18 ta' Jannar 2010.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-iskeda.

### 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta' Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet skeda ta' pagamenti mitluba bejn l-24 ta'Diċembru 2009 u t-12 ta' Jannar 2010.

6.3. Il-Kunsill ra l-kontenut tal-iskeda approva l-pagamenti elenkati.

### 7.1. Tħejjijiet għal Jum il-Kunsill 2010 (A/5/3/1/Vol XI)

7.2. Is-Sindku għarraf li huwa qed jikkordina t-tħejjijiet għal dawn l-attivitajiet flimkien mal-Kunsillier C. Bartolo. Għarraf li ġie kkuntattjat is-Sur Frederick Zammit sabiex jikteb l-i*script* tal-*musical* "Imħabba Fuq l-Għolja" illi jittratta l-kanzunetti u mużika tal-grupp New Cuorey. Bħala spiża biex isir dan ix-xogħol issemmiet is-somma ta' €600. Huma pproponew illi l-*musical* jerġa jittellgħa s-Sibt u l-Ħadd 27 u 28 ta' Frar 2010, kemm-il darba jkun hemm konkorrenza għalih. Laqgħa mal-kantanti li ser jieħdu sehem ser issir fil-21 ta' Jannar 2010.

7.3. Is-Sur R. Cutajar issuġġerixxa wkoll li għall-istess okkażjoni għandha tiġi stampata *bookmark,* li fuq naħa waħda jkun hemm il-*logo* ta' Jum il-Kunsill, filwaqt li fuq in-naħa l-oħra jkun hemm l-unuri li rebaħ il-Kunsill matul is-sena 2009 – Premju EDEN; Local Enterprise Challenge Award; L-Aktar Lokalita` Nadifa f'Pajjiżna; u l-Aktar Lokalita` li Ħadmet favur l-Isports f'Malta. Ippropona wkoll li jitqassmu lapsijiet bħala tifkira ta' dan l-avveniment. Huwa qal li ser isir sforz biex jinstabu *sponsors* biex ikopru dawn l-ispejjeż.

7.4. Il-Kunsillier C. Bartolo għarraf li ntalbu żewġ stimi, bl-inqas waħda għal 3,000 lapes bil-logo tal-avveniment li tammonta €566, filwaqt li l-istampar tal-*bookmark* ġie kkwotat €324.57 fuq l-istess kwantita`.

7.5. Ġie propost ukoll li l-preżentaturi jkunu kif ġej:

| | |
|---|---|
| Il-Ġimgħa – 26 ta' Frar | Pablo Micallef u Louise Tedesco |
| Is-Sibt – 27 ta' Frar | Miriam Dalli u Ronald Zammit |
| Il-Ħadd – 28 ta' Frar | Angie Laus u Clifford Galea |

7.6. Bħala sorpriża għal waqt is-serata tas-26 ta' Frar, ġie propost li jkun hemm skambji bejn persuni Melleħin u qraba tagħhom emigrati fl-Awstralja, permezz ta' *video conferencing*. Is-Sindku qal li nstabet ditta li lesta tipprovdi l-apparat meħtieġ mingħajr ħlas għal din l-okkażjoni.

7.7. Għall-Quddiesa tal-Ħadd 28 ta' Frar ġie propost li din tkun animata minn Philip Vella. Il-kappillani tal-Mellieħa u l-Manikata ser iqaddsu il-Quddiesa. Wara jsir it-tqegħid tal-ewwel ġebla fil-Park tal-Familja f'Tal-Ibraġ.

7.8. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll għall-attivitajiet ta' Jum il-Kunsill ser jattendu il-Kunsilliera minn Adenau responsabbli mill-ġemellaġġi – Marita Solheid.

7.9. Il-Kunsill approva l-arranġamenti proposti.

## 8.1. Skemi dwar il-ġbir ta' skart tal-ippakkeġġjar u skart reċiklabbli ieħor. (K/6/2/Vol V)(K/6/10/Vol III)

8.2. Is-Segretarju fakkar li huwa għadda s-sottomissjonijiet li saru minn Green MT u Green Dot lill-Kunsillieri kollha qabel is-seduta sabiex tkun tista' tieħed deċiżjoni nfurmata dwar liema waħda ser tintgħażel biex tagħti servizz ta' ġbir tal-iskart tal-ippakkeġġjar u l-boroż il-ġriżi tal-iskart reċiklabbli.

8.3. Is-Sindku R. Cutajar ikkummenta li mill-ispjegazzjonijiet eżawrjenti li ta r-rappreżentant ta' Green MT, kif ukoll fid-dokument li tħalla waqt is-seduta preċedenti, jidher li s-servizz tagħhom huwa iktar komprensiv. L-użu ta' *cameras* fejn ikun hemm *bring-in sites* li jiġu abbużati b'mod persistenti, huwa wieħed mill-fatturi għaliex huwa jiffavorixxi l-offerta ta' Green MT.

8.4. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda li għandha tintbagħat *letter of intent* lill-Green MT sabiex ikunu jistgħu jitkomplew it-taħditiet magħhom biex jiġu finalizzati d-dettalji, b'mod speċjali f'dak li jirriġwarda: (a) il-mod kif ser jitqassmu l-boroż lir-residenti; (b) il-*litter bins* tal-ġonna u fuq ix-xtut partikularment fl-Għadira u r-Ramla tal-Mixquqa, fejn l-għan aħħari huwa li dawn jitilgħu għal-livell ta' *Blue Flag*; u (ċ) l-installazzjoni ta' erba' *housing* tal-*cameras* fil-*bring-in sites* ta' Triq l-Iżbark tal-Franċiżi, ta' Triq Qasam Barrani, ta' Triq il-Manikata u ta' Triq l-Etna.

## 9.1. Kiri ta' *waste recyling bins* fil-*bring-in sites* (K/6/10/Vol II)

9.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuti tas-seduta preċedenti u għarraf li permezz ta' *e-mail* datat 4 ta' Jannar 2010, il-Wasteserv Malta Ltd bidlu l-proposta oriġinali tagħhom u issa qed jitlobu li l-Kunsill jintalab jiddepożita €2,000 sabiex jagħmel tajjeb f'każ ta' ħsarat fil-*waste recycling bins*. F'każ li jkun hemm ħsarat wara li jgħaddu ħames snin, ikun hemm tnaqqis tal-ispejjeż li tkun għamlet il-Wasteserv.

9.3. Fuq proposta tas-Sindku, il-Kunsill qabel illi l-użu tar-*recycling bins* tal-Wasteserv għandu jibqa' tul il-ħames snin, għalkemm għandhom jsiru kuntatti mill-ġdid sabiex is-somma li qed tintalab bħala depożitu titnaqqas jew tiġi eliminate għal kollox.

## 10.1. Estimi Finanzjarji 2010 (F/1/21)

10.2. Segretarju ssottometta l-estimi tad-dħul u l-infieq imbassar sa l-aħħar tas-sena finanzjarja 2009. Qal li meta jitqies id-dħul kurrenti kontra n-nefqa stmata sa l-aħħar ta' Diċembru 2009, mistenni jibqa' bilanċ ta' madwar €123,695. Minħabba l-emendi li kien hemm fil-liġi, din id-darba s-sena finanzjarja kienet ta' disgħa xhur biss, bejn April u Diċembru 2009. Id-dħul totali għall-istess sena, ser ilaħħaq għal iktar minn €802,398, filwaqt li n-nefqa totali sa' l-aħhar ta' Diċembru 2009 hija stmata li tlaħħaq €678,703. Iċ-ċifra li għandu mfaddla l-Kunsill mis-snin ta' qabel tammonta għal €893,994. B'hekk huwa stmat li s-sena finanzjarja li ġejja tibda b'bilanċ pożittiv ta' €1,017,689.

10.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali ħabbar li l-Allokazzjoni Annwali għas-sena 2010 ser tkun €900,966. Flimkien mad-dħul mill-Gvern, ser ikun hemm introjtu mill-imgħaxijiet fuq il-kontijiet bankarji, permezz tal-*bye-laws,* partikularment Avventura Sajf għat-tfal, li tiġi organizzata fis-sajf, kif ukoll il-ħlas marbut mal-permessi l-ikkampjar u *barbecues*. Ammont sostanzjali ser ikun ġej minn permessi temporanji li jinħarġu bis-saħħa tal-Avviż Legali 119/2002. Ġie spjegat li l-ammont illi jidher fejn il-kont (0005) huma flus li ser idaħħal il-Kunsill matul l-2009 wara li rebaħ il-*Local Enterprise Award* u ġie *shortlisted* fil-Green Challenge Award li fit-total jammontaw għal €45,000. Flimkien ma' dawn hemm somma li diġa ġiet kommessa mill-MEPA fir-rigward tal-ġnien pubbliku fi Triq il-Miġbħa/Għasel/Xehda li tammonta għal €147,545. Id-dħul totali tal-Kunsill mistenni li jlaħħaq €1,155,961.

10.4. Il-vot tal-Pagi (1200) ikopri ħames impjegati nkluż is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Ġie spjegat li l-onorarja tas-Sindku, il-pagi tas-Segretarju Eżekuttiv, l-Assistant Prinċipali (Skala 11) u l-Uffiċjali Klerikali (Skala 15) huma bbażati fuq l-iskali ppubblikati mid-Dipartiment tat-Tezor u għalhekk jinkludu ż-żidiet għall-għoli tal-ħajja. Ittieħed in konsiderazzjoni li skond l-emendi illi kien hemm fil-liġi, il-Kunsillieri kollha, inkluż is-Sindku huma ntitolati għall-*allowance* ta' €100 fix-xahar, pagabbli Ġunju u Diċembru. Il-Kunsill approva in-nefqa totali ta' €113,643 fuq is-Salarji.

10.5. Ġew approvati l-estimi li jirrigwardaw l-ispejjeż marbuta mal-konsum tal-elettriku, ilma u telefon, l-*wide area connectivity*, u s-servizzi ta' sigurta' fl-uffiċċju. Il-konsum tal-elettriku u l-ilma ġie bbażat fuq tas-sena ta' qabel. L-ispejjeż tal-elettriku jirriżultaw mill-arloġġi tal-elettriku fil-Belveder tas-Sur, il-Batterija ta' Westreme, il-Ġnien tal-Pellegrini, Ġnien l-Għoljiet, Ġnien tas-Salib, Ġnien il-Kenn Soċjali, Ġnien iż-Żerniq u Ġnien Dun Anton Debono. Ittieħed in konsiderazzjoni li żdied l-Uffiċċju Informazzjoni għat-Turisti. Ġew approvati wkoll spejjeż konnessi ma' Xiri ta' Materjal u Fornimenti (2200), Sħubija f'Orġanizzazzjonijiet (2500), Servizzi biex jiffunzjona l-Uffiċċju (2600); Trasport (2700); it-Taħriġ (3200) u Spejjeż Inċidentali (3400). Ġie spjegat li taħt Spejjeż Inċidentali jidħlu wkoll Spejjeż Amministrattivi li minnhom jitħallsu ċerti drittijiet bħal dawk li jintalbu mill-MEPA meta jsiru applikazzjonijiet ġodda eċċ.

10.6. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni għall-vot 2311 dwar il-Manutenzjoni tat-Toroq u qal li dan żdied fuq is-sena preċedenti, billi l-bankini ta' Triq il-Kbira ser jinbidlu meta ssir it-tielet fażi tar-*resurfacing* ta' Triq il-Kbira.

10.7. Ġie propost li l-vot tat-tabelli (2313) jonqos għal € 7,000, filwaqt li dak tal-Marki tal-Karreġġjata (2314), jonqos ukoll għal €8,000. Is-Segretarju spjega li dawn il-voti ġew iffissati wara li saret analiżi tan-nefqa fuq dawn l-oqsma fl-aħħar snin. Fir-rigward tal-*Bus Shelters* (2316), is-Segretarju spjega li dan il-vot tħalla relattivament baxx minħabba l-ftehim illi ntlaħaq mad-ditta Faces Consultants Ltd, li permezz tiegħu l-istess ditta tpoġġihom fuq il-post u tipprovdi l-manutenzjoni tagħhom. Effettivament, il-Kunsill jagħmel biss manutenzjoni fuq ħames *bus shelters* biss. Kien hemm qbil li dan il-vot għandu

jiżdied sabiex isiru *bus shelters* ġodda, kemm-il darba Faces Consultant Ltd tonqos milli tibdel l-erba' qodma li ġew indikati lilha u li għad jirrikjedu l-approvazzjoni tal-MEPA. Il-Kunsill qabel ukoll li jżid il-vot dwar it-tiswija ta' *litter bins* għal € 2,000.

10.8. Il-Kunsill approva l-vot propost tat-Tiswija u Manutenzjoni (2300), li jammonta għal €136,350.

10.9. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-vot tal-Kirjiet (2400) għandu jonqos għall-€1,167, peress li issa huwa magħruf l-ammont ta' kera li ser jitħallas wara d-devoluzzjoni tat-Torri l-Abjad u d-*Defence Post* ta' Triq l-Għollieqa.

10.10. Il-vot dwar il-parteċipazzjonijiet f'Konferenzi Internazzjonali (2540) ġie mnaqqas bi ftit għal €1,300

10.11. Il-voti tal-*Overseas Tickets* (2810); *Overseas Subsistance & Accomodation* (2820) u *Overseas Hospitality* (2830) żdiedu fuq il-livell tas-sena preċedenti, bi l-għan li jkun hemm kuntatti permezz ta' żjarat qosra ħalli l-ġemellaġġ mal-lokalitajiet ta' Adenau, Cavriglia u Agia Napa jinżammu ħajjin u kostanti.

10.12. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li l-vot 2930 jrid jagħmel tajjeb għall-pubblikazzjoni ta' paġna fix-xahar fil-gazzetta "Il-Mellieħa". L-istess vot irid jagħmel tajjeb ukoll għall-inizjattiva li qed tittieħed flimkien mal-lukandiera li joperaw fil-Mellieħa u l-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu sabiex il-lokalita` tingħata promozzjoni ġewwa Ċipru. Il-Kunsill qed jara wkoll li jinvesti f'titjib tas-sit elettroniku tiegħu. Il-vot tan-*newsletter* (2970) żdied għal €11,300 sabiex jirrifletti r-rati li qed jintalbu għall-istampar tal-magazin "Mill-Qiegħa" taħt il-kuntratt il-ġdid. Kien hemm qbil li n-nefqa fuq il-Ħannieqa Kulturali (2960) m'għandiex taqbeż €5,000. Il-Kunsill approva n-nefqa ta' € 24,050 fuq is-Servizzi Informattivi (2900).

10.13. Is-Segretarju rrefera għall-manutenzjoni tal-Lampi tat-Toroq (3010) u qal li a bażi tan-nefqa stmata matul is-sena kurrenti, il-vot relattiv tnaqqas għal € 9,700.

10.14. Dwar il-vot Nru. 3044 – *Open Skips / Bring In Site* – il-Kunsill kien tal-fehma li dan għandu jonqos fuq tas-sena preċedenti peress li l-Wasteserv Malta Ltd qed titlob depożitu ta' €2,000 sabiex tippermetti l-użu tal-erbgħin *waste recycling bins* eżistenti għall-ħames snin li ġejjin.

10.15. Taħt is-sezzjoni tas-Servizzi Kuntrattwali, saret referenza għall-vot tat-Toroq Urbani (3051) u dak tat-Tindif tat-Toroq Rurali (3052), fejn il-voti relattivi żdiedu mqabbla ma' l-ammonti tas-sena ta' qabel, billi l-kuntratti rispettivi ser skadew tard fl-2009. Is-Segretarju qal li l-vot tal-Latrini Pubbliċi (3053) għandu jiżdied għal €27,800 a bażi tan-nefqa għas-sena kurrenti. Fir-rigward tas-Servizz tat-Tindif tal-Uffiċċju (3055), il-Kunsill kien tal-fehma li dan il-vot għandu jiżdied għall-€3,100 minħabba l-esiġenza u d-daqs tal-post.

10.16. Il-Kunsill qabel li l-vot dwar il-Ġonna Pubblici (3061) għandu jiżdied għall-€38,000 sabiex jirrifletti n-nefqa taht il-kuntratti l-godda li saru ma' l-Environmental Landscapes Consortium Ltd u Gardentech, kif ukoll biex jagħmel tajjeb għal ħsarat li jiġu rrappurtati u l-manutenzjoni meħtieġa minn żmien għal żmien.

10.17. Fir-rigward tat-tindif tax-xtut (3063), ġie spjegat li l-vot tnaqqas bi ftit għal €13,000 għab-bażi tan-nefqa tas-sena kurrenti. L-istess vot irid ikopri l-kuntratt dwar il-ġarr tal-alka, il-ġbir tal-iskart permezz tal-iscammel, iż-żebgħa ta' *railings* fl-Għadira u tiswijiet oħra.

10.18. Wara li ngħatat spjegazzjoni tal-voti kollha li jaqgħu taħt is-Servizzi Kuntrattwali (3000), il-Kunsill approva t-tibdil kollu li ġie propost, li jammonta għal nefqa ta' € 309,380.

10.19. Ġie spjegat li f'dak li huwa Taħrig (3200), qed jittieħed in konsiderazzjoni li l-Kunsill jista' jiddeċiedi li jkompli jorganizza Avventura Sajf. Is-Segretarju ppropona li dan il-vot għandu jiżdied sostanzjalment sabiex jinġieb qrib l-ispiża attwali għas-sena kurrenti. Huwa qal li l-vot ta' €9,500 qed jiġi bbażat fuq l-ispiża tas-sena preċedenti sabiex tirrifletti n-nefqa fuq korsijiet bħalma huma dawk fuq iż-żfin, *kickboxing*, *first aid*, għawm eċċ.

10.20. Kien hemm qbil li l-vot dwar l-Ispejjeż tal-Konferenzi (3320) għandu jiżdiet għal €15,000. Dan minħabba li hemm il-possibilta` li tinġieb konferenza internazzjonali fil-Mellieħa b'rabta mat-turiżmu, billi b'effett mill-2009, il-Mellieħa ġiet dikjarata bħala *European Destination of Excellence*.

10.21. Fil-vot tal-Attivitajiet Kulturali ttieħed in konsiderazzjoni l-ftehim li hemm fis-seħħ mal-għaqdiet mużikali li permezz tiegħu jingħataw numru ta' servizzi fil-lokalita' matul is-sena.

Ġie spjegat li l-vot tal-Attivitajiet Kulturali (3370) jkopri l-avvenimenti li issa daħlu fil-kalendarju annwali tal-Kunsill, bħalma huma L-Ijieli Melleħin, Milied Mellieħi, Mellieħa Gardens By Night u oħrajn. L-istess vot irid jagħmel tajjeb ukoll għal attivitajiet li jiġu organizzati flimkien ma' l-għaqdiet volontarji tal-lokalita` skond ftehim ta' koperazzjoni.

10.22. Il-vot tas-Servizzi Komunitarji (3380) żdied b'mod sostanzjali fuq tas-sena preċedenti billi jrid jagħmel tajjeb għat-titjib li jrid isir fid-daħla għas-Sala tal-Kumunita` u l-Iskola Primarja minn Triq Qasam Barrani, is-sehem tal-Kunsill fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum u l-istudju li jrid isir dwar il-ftuħ ta' *Child Care Centre* fil-Mellieħa. Il-Kunsill qabel li l-vot tal-Librerija Pubblika jrid jagħmel tajjeb għall-ftuħ tagħha s-Sibtijiet filgħodu. Għalhekk għandha ssir *call for interest* sabiex tinsab persuna li taqdi din il-funzjoni, wara r-riżenja tas-Sinjura Anne Attard.

10.23. Il-Kunsill approva l-vot tal-*Community and Hospitality* (3370) li jammonta għal €111,500. Għalkemm din hija nefqa sostanzjali, mhux qed jittieħed in konsiderazzjoni li kif sar fis-sena kurrenti jinġieb *sponsorship* jew sostenn finanzjarju minn skemi li waqqaf il-Gvern Ċentrali.

10.24. Ġie propost li l-vot 3600 – *Local Enforcement System* – għandu jiżdied b'mod sinifikanti għal € 12,000 sabiex jagħmel tajjeb għal *patrols* li qed isiru mill-Pulizija bil-għan li jsir nfurzar tal-*bye-laws* fir-rigward tal-ikkampjar u l-*barbecues*. Din is-somma trid tagħmel tajjeb ukoll fl-eventwalita` li l-Mellieħa tirreġistra telf mis-Sistema tal-Infurzar Lokali, kif ġie li kien il-każ fi snin preċedenti.

10.25. Il-Vot dwar il-Ġemellaġġ (3800), ġie mtellgħa għal €10,500 sabiex ikopri t-tliet ġemellaġġi li l-Kunsill għandu ma' Adenau, Cavriglia u Agia Napa. Ġie spjegat li d-Dipartiment iffissa massimu ta' 0.5% tal-Allokazzjoni Finanzjarju jew €3,500, liema tkun l-ikbar.

10.26. Is-Sindku aċċenna għall-estensjoni tal-bini tal-uffiċċju amministrattiv (7001), fejn il-Kunsillier J. Buttigieg ippropona li għandu jingħata konsiderazzjoni fl-estimi, jekk kemm-il darba l-Kunsill jasal għal din id-deċiżjoni.

10.27. Is-Segretarju spjega li l-vot tat-Titjib fin-Nefqa Kapitali (7200), jinkludi fih somma ta' €14,000 li trid jagħmel tajjeb għall-installazzjoni ta' pannelli fotovoltaiċi fuq l-uffiċċju tal-Kunsill permezz tal-Iskema dwar Enerġija Alternattiva imnedija mill-Gvern Ċentrali. Jinkludi fih ukoll il-lampi ġodda (7220) b'vot propost ta' €107,000, f'dawk it-toroq li saru mill-ġdid fiż-żona ta' Santa Marija Estate. Il-Kunsill kien tal-fehma li dan il-proġett għandu jinqasam f'fażijiet u għalhekk iddeċieda li għas-sena 2010, dan għandu jkun ta' €70,000. Il-vot dwar it-tabelli tat-traffiku u *railings* ġodda (7230) jammonta €9,600. €2,000 ġew approvati għax-xiri ta' *litter bins* ġodda (7245).

10.28. Il-vot (7300) ġie approvat fil-livell ta' €3,000 sabiex jagħmel tajjeb għall-apparat marbut max-xogħol tal-uffiċċju.

10.29. Is-Sindku ppropona li jkun hemm vot (7501) sabiex isiru faċilitajiet f'postijiet ta' rikrejazzjoni eż: fil-postijiet li ġew indikati għall-ikkampjar u *barbecues* ġewwa l-Aħrax u fl-Għadira. Kien hemm qbil li s-somma vvutata għal dan il-għan għandha tkun €20,000. Flimkien ma' dawn ġew ivvutati €40,000 sabiex isir titjib f'żoni kostali (7514).

10.30. Dwar il-programm tar-*resurfacing* ta' toroq (7502), il-Kunsill ġie mgħarraf li n-nefqa proposta trid tagħmel tajjeb sabiex isiru kanali għall-ilma tax-xita, rikostruzzjoni u kisi mill-ġdid bit-tarmak fi Triq il-Kbira, bejn Triq Ġorġ Borg Olivier u Triq in-Naħal. Skond l-istima sottomessa mill-*Contract Manager,* dan ix-xogħol huwa stmat li ser jiswa €193,067. Dan ma jinkludix il-bdil tal-*mains,* peress li dan ix-xogħol diġa sar mill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma fl-2009. Il-Kunsill ivvota €250,000 għad dan il-għan.

10.31. Is-Segretarju fakkar li kien inħareġ il-permess sabiex issir ġiebja għall-ilma tax-xita fil-Ġnien tas-Salib (7506) u għalhekk ippropona li tiġi ivvutata s-somma ta' €12,000. Il-Kunsill kien tal-fehma li dan ix-xogħol għandu għalissa jiġi pospost.

10.32. Is-Sindku ppropona li jsir l-*floodlighting* tal-Belvedere tas-Sur u l-Bini tas-Santwarju sabiex jidhru minn Triq il-Marfa u miż-żona tal-Mellieħa Heights. Għal dan il-proġett inħoloq vot (7504) li jammonta €25,000. Il-Kunsill approva wkoll vot ta' €60,000 sabiex isir titjib fil-*Playing Field* ta' Triq l-Erwieħ (7519).

10.33. Għat-tieni fażi tal-Proġett dwar il-*Playing Field* fil-wesgħa li hemm bejn Triq l-Għasel, Triq il-Miġbħa u Triq ix-Xehda (7508), ġie propost sabiex titwarrab is-somma ta' €225,000. Għall-Park tal-Familja f'Tal-Ibraġ (7509) kien propost vot ta' € 250,000, filwaqt li għat-Tisbiħ ta' Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawl II, ġie ssuġġerit vot ta' €60,000.

10.34. Il-Kunsill iddeċieda li minħabba l-vot dwar il-Park tal-Familja, li jinkludi fih faċilitajiet sportivi, il-vot dwar it-Titjib ta' Faċilitajiet Sportivi Eżistenti (7515) għandu jitneħħa għal kollox għas-sena 2010. Kien propost ukoll li permezz ta' fondi taħt l-Iskema dwar Enerġija Alternattiva għandha tiġi nstallata sistema li tiġġenera l-elettriku fi Ġnien Dun Anton Debono (7520), permezz ta' pannelli fotovoltaiċi. Ma' l-istess arloġġ ta' l-elettriku hemm imqabbad ukoll il-Ġnien ta' l-Ibraġ. Għal dan il-għan ġiet ivvutata s-somma ta' €20,000.

10.35. Ġie deċiż ukoll li għall-ewwel darba tiġi vvutata somma ta' €20,000 sabiex isir *multi-purpose court* (7519) ġewwa l-Manikata. Għat-tisbiħ tas-*soft area* fi Triq Qasam / Triq il-Mitħna l-Ġdida (7516) u l-arranġamenti tat-traffiku fl-istess toroq kien propost vot ta' €160,000.

10.36. Il-Kunsill approva l-voti kapitali kollha b'nefqa stmata li tlaħħaq € 1,281,600.

10.37. Is-Segretarju fakkar li qabel jiġu approvati l-Baġit 2010 u l-Pjan ta' Ħidma 2010 – 2012 għandha ssir il-Laqgħa Annwali tal-Lokalita`. Il-Kunsill qabel li din issir nhar il-Ħamis 11 ta' Frar 2010 fis-7.00pm, fl-uffiċċju amministrattiv.

11.1 **Riforma fit-Trasport Pubbliku (T/5/1/Vol II)**

11.2 Il-Viċi Sindku E. Bartolo għarraf li fit-12 ta' Jannar 2010 huwa kellu laqgħa dwar is-suġġett t'hawn fuq mas-Sinjuri Emanuel Delia mill-Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, David Sutton u Felix Gauci mill-Awtorita` tat-Trasport. Bil-għajnuna tal-pjanti pprovduti, is-Sur E. Bartolo spjega li fl-istess laqgħa ġiet diskussa l-intenzjoni tal-Kunsill illi r-rotot ewlenin li jgħaqqdu ma' irħula oħra għandhom jinqatgħu mill-qalba tal-Mellieħa. Sabiex ma jinħoloqx inkonvenjent ġie propost li għandhom jiġu ntrodotti żewġ *feeder lines* li jingħaqdu mar-rotot ewlenin fi Triq il-Kbira, bejn Triq l-Etna u Triq in-Naħal. Waħda sabiex tkopri ż-żoni Tal-Ibraġ, Santa Marija Estate, u Mellieħa Heights, filwaqt li *feeder line* oħra (FL01) tkopri l-parti ta' ġewwa ta' Triq il-Kbira, Triq Ġorġ Borg Olivier, Triq l-Erwieħ, Triq is-Santwarju, Triq Ġnien Ingraw, Triq Qasam Barrani, Triq Vincenzo Ciappara, Triq il-Muna, Triq il-Mithna l-Ġdida, Triq l-Għorgħar, Triq Ta' Masrija u lura fi Triq il-Kbira. Matul ix-xhur tas-sajf, ir-rotta tal-aħħar hija ntiża wkoll li tkopri sar-*roundabout* tal-Mellieħa Holiday Centre.

11.3 Wara diskussjoni twila fuq ir-rotot deskritti fil-pjanti, il-Kunsill unanimament qabel li:

**a)** Ir-rotot ewlenin kollha, inkluż dik li tgħaqqad l-irħula tal-qrib (Rabat, Mġarr, Manikata, San Pawl il-Baħar, Burmarrad u Mosta), m'għandhomx jgħaddu mill-qalba tal-Mellieħa, minħabba l-konġestjoni li diġa teżisti. Għalhekk għandu jsir użu sħiħ minn Dawret il-Mellieħa u Triq Lewis Wettinger;

**b)** Il-post fejn jingħaqdu r-rotot ewlenin mal-*feeder lines* għandu jkun fil-parkeġġ li hemm fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi, minflok aktar 'il ġewwa fi Triq il-Kbira;

**c)** L-estensjoni ta' *feeder line* FL 01 sal-Għadira fix-xhur tas-sajf toħloq frustrazzjoni fost il-passiġġieri, peress li hija twila ħafna, filwaqt li fis-sajf il-patronaġġ jiżdietd sostanzjalment. Għaldaqstant għandha tiġi kkunsidrata *feed line* separata li tkun tinkludi wkoll l-Armier, peress li fil-preżent dan huwa kopert bir-Rotta Nru. 50;

**d)** Triq Ġorġ Borg Olivier u l-parti ta' ġewwa ta' Triq il-Kbira għandha tiġi eskluża minn *feeder line* FL 01 u minflok tgħaddi minn Triq Franġisk Zahra, Triq Dun Franġisk Sciberras u Triq Adenau. F'dak li jirrigwarda ż-żona ta' Pennellu, ir-rotta għandha tinkludi t-tul kollu ta' Triq Vincenzo Ciappara u parti minn Triq Napuljun Caruana Dingli, peress li Triq il-Muna ma tinfidx;

**e)** Billi f'Selmun teżisti komunita` żgħira, kif ukoll hemm lukanda u kappella, għandu jiġi kkunsidrat li waħda mill-*feeder lines* proposti tkun tinkludu wkoll din iż-żona.

11.4 Il-Kunsill qabel li dawn il-proposti għandhom jiġu mgħoddija lill-Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni.

**12.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku R. Cutajar illi tgħid:**

**"Billi r-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani) 6(1) u 19(1), kif sussegwentement emendati bl-Avviżi Legali 127/98, 89/2000, 64/2001 u 282/05 jipprovdu għall-ħlas ta' *performance bonus* lill-impjegati tal-Kunsill;**

**Billi fl-estimi għas-sena finanzjarja 2010 ġiet ivvutata somma għal dan il-għan, kif ukoll mill-*Performance Appraisal Report* li ġie mħejji skond l-Iskeda A, tal-istess Avviż Legali, jidher li ngħata servizz sodisfaċenti mill-uffiċjali Marvic De Bono, Marica Azzopardi Gambin u Carmel Debono, matul is-sena li għaddiet;**

**Billi skond direttiva maħruġa mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fis-17 ta' Diċembru 2009, permezz tal-Memo 86/2009, il-*Performance Bonus* għandu jiġi assenjat u deċiż matul Jannar 2010 u jinħadem fuq is-salarju ta' Jannar 2010; u**

**Il-Kunsill jirriżolvi illi fl-aħħar ta' Jannar 2010, l-uffiċjali Carmel Debono u Marica Azzopardi Gambin u Marvic De Bono għandhom jitħallsu l-perċentwali ta' 10%, 6% u 6% *pro rata*, rispettivament, bħala *performance bonus*, maħdum fuq is-salarji bażiċi rispettivi mħallsa sa l-aħħar tal-istess xahar. Billi l-uffiċjali Yvonne Muscat u Patricia Cordina ġew impjegati f'Settembru u Novembru 2009, rispettivament u għalhekk għadhom għaddejjin biż-żmien ta' prova ta' sitt xhur stabbilit fir-Regolament 27(ċ), għandu jitħallas *performance bonus pro rata* ta' 3%.**
**(Wages)**

12.2. Is-Segretarju ressaq il-*Performance Appraisal Reports* tal-impjegati msemmija u spjega fil-qosor ix-xogħol li jagħmel kull wieħed minnhom.

12.3. Is-Sindku ppropona emenda għall-aħħar paragrafu tal-mozzjoni, fis-sens li l-perċentwali ta' "3%" għandu jiġi sostwit b' "6", minħabba l-isforżi li l-uffiċjali Yvonne Muscat u Patricia Cordina qed jagħmlu biex jaddottaw rwieħom għall-andament tax-xogħol fl-uffiċċju amministrattiv.

12.4. Il-mozzjoni emendata skond il-minuta 12.3. għaddiet b'mod unanimu mingħajr emendi, wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier J. Buttigieg.

## 13.1. Proġett "*2 Coasts – 1 Europe*" fil-Polonja (P/10/1/Vol III)

13.2. Is-Sindku għarraf li fl-aħħar ġimgħat kienu għaddejjin kuntatti ma' grupp ta' żgħażagħ mill-Polonja sabiex 16-il persuna żgħażagħa jipparteċipaw fil-proġett b'tema ambjentali. Dan ser jiżvolvġi fil-Polonja stess bejn is-17 u l-25 ta' Marzu 2010. Il-proġett ser ikun jinvolvi 32 persuna miż-żewġ. Is-Sur R. Cutajar ippreżenta deskrizzjoni qasira tat-temi li ser jiġu trattati.

13.3. Il-Kunsillier H. Fenech qal li qed isiru kuntatti ma' diversi żgħażagħ li lesti jattendu. Huwa qal li uħud minnhom qed isibu diffikultajiet biex jipparteċipaw peress li ser ikollhom l-eżamijiet. Huwa qal li l-Unjoni Ewropea tagħmel tajjeb għal 80% tal-ispejjeż tal-vjaġġ, filwaqt li bqija jridu jitħallsu mill-parteċipanti.

13.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 14.1. Stedina mill-Kunsill Lokali ta' Adenau (K/1/5/Vol IV)

14.2. Is-Sindku għarraf li saret stedina mis-Sindku ta' Adenau, Arnold Hoffmann, sabiex il-Mellieħa tkun rappreżentata waqt l-attivitajiet li ser jiġu organizzati bejn is-27 u t-30 ta' Awwissu 2010, fl-okkażjoni tal-25 Anniversarju mill-iffirmar tal-ġemellaġġ li huma għandhom mal-lokalita` ta' Sillery fi Franza.

14.3. Il-Kunsill innota din l-istedina.

## 15.1. Dwal fi Triq ir-Ramla tal-Bir (E/1/3/Vol VI)

15.2. Is-Sindku għarraf li wara talba mill-*management* tar-Ramla Bay Hotel, għaddejjin kuntatti sabiex jitwaħħlu lampi fuq l-arbli fit-triq li twassal għal-lukanda. Huwa qal li talab lill-*contract manager* – Galea Curmi Engineering Consultants – sabiex jistmaw dan il-proġett għas-somma ta' €53,000. Is-Sur R. Cutajar kompla jgħid li hemm interess min-naħa tal-lukanda li tagħmel tajjeb għal €15,000 mill-ispiża, filwaqt li l-Gvern joħroġ €20,000 u oħra €20,000 issir talba għalihom mill-Kunsill permezz tal-*Environment Initiative in Partnership Programme* amministrat mill-MEPA. Saret proposta sabiex id-differenza jagħmel tajjeb għaliha l-Kunsill Lokali.

15.3. Il-Kunsill qabel li għandhom jitkomplew f'din id-direzzjoni.

## 16.1. Twaqqif tal-Mellieħa *Big Band* (G/1)

16.2. Is-Sindku għarraf li huwa ġie avviċinat minn Mro. Paul Abela illi qed jipproponi li titwaqqaf banda li tispeċjalizza fil-mużika jazz u tkun iġġib l-isem tal-lokalita`. Din tkun komposta minn mużiċisti Melleħin u tkun obbligata li tagħti numru ta' kunċerti bi ħlas, waqt attivitajiet tal-istess Kunsill. Dan ikun fuq l-istess linji li diġa jsir mat-tliet għaqdiet mużikali oħra li jeżistu fil-Mellieħa.

16.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li wieħed għandu jkun kawt fuq din il-proposta, peress li fil-Mellieħa jeżistu gruppi mużikali u ta' xorta oħra, li jistgħu jitolbu l-istess trattament.

16.4. Il-Viċi Sindku E. Bartolo kkummenta li kemm-il darba hemm l-intenzjoni li titwaqqaf banda jazz, din m'għandiex tkun taħt il-kappa tal-Kunsill għaliex tista' iġġib diżgwid fost l-għaqdiet Melleħin fil-konfront tal-Kunsill.

16.5. Il-Kunsill ma' laqax il-proposta mressqa fil-minuta 16.2.

## 17.1. Korsijiet tal-kompjuter (E/3/1/9/Vol III)

17.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li waqt attività li ġiet organizzata mit-The Computer Training Centre fil-15 ta' Jannar 2010, l-impjegata ta' Kunsill Lokali tal-Mellieħa – Marvic De Bono – ingħatat rikonoxximent bħala l-iktar ammistratur li kkollaborat ma' TCTC fl-organizzazzjoni tal-korsijiet. Is-Sindku R. Cutajar ingħata rikonoxximent għall-inizjattivi ġodda li huwa ppropona sabiex jiġu ntrodotti.

17.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 18.1. Mixjiet organizzati mill-Kunsill f'zoni rurali (A/5/3/Vol VIII)

18.2. Il-Kunsillier H. Fenech aċċenna għall-mixja organizzata mill-Kunsill li saret fis-17 ta' Jannar 2010. Id-dsatax il-persuna li ħadu sehem telqu minn fejn ir-*roundabout* ta' Selmun, għall-Mistra, sax-Xemxija u lura.

18.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 19.1. Ipparkjar ta' vetturi fil-Belvedere ta' Selmun (T/3/2/Vol IX)

19.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi ġibed l-attenzjoni li qed isir ipparkjar ta' vetturi fil-post. Huwa għalhekk ippropona li jsiru barrikati tal-ħadid biex jieqaf dan l-abbuż.

19.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fil-11.00pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 8 ta' Frar 2010, fis-7.00pm.

Robert Cutajar
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**